**22 ta' April, 1994**

**Imħallef:-**

**Onor. Albert Manchè LL.D.**

Joseph Debono

*versus*

Anthony Mario Vella

## Titolu Esekuttiv - Dekadenza - Art. 253(a) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili - Art. 1079 tal-Kodiċi Ċivili - *Jus Superveniens*

*L-attur aġixxa b'ċitazzjoni fejn talab illi l-konvenut kien iddekada mill-benefiċċju tat-terminu u kundanna ħlas. Id-debitu kien jirriżulta minn Att pubbliku. Il-Qorti sabet illi d-dekadenza mill-benefiċċju tat-terminu la kienet ikkontemplata fil-kuntratt u lanqas ma ġiet premessa xi waħda mill-bażijiet indikat fl-Art. 1079 tal-Kodiċi Ċivili u għalhekk it-talba għad-dekadenza ġiet miċħuda. In bażi għall-Att pubbliku laqgħet it-talba għall-pagament skadut.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur ippremetta:

Illi permezz ta' kuntratt iddatat is-7 ta' Novembru, 1990, quddiem in-Nutar Dottor Joseph Henry Sciriha, bejn min naħa l-waħda Anthony Mario Vella u min-naħa l-oħra Joseph Debono (hawn anness u mmarkat Dokument "A"), il-konvenut ikkostitwixxa ruħu debitur veru, ċert u likwidu favur l-attur fis-somma ta' elfejn u sitt mitt lira Maltija (Lm2600) rappreżentanti kreditu dovut mill-konvenut lill-attur;

Illi l-konvenut obbliga ruħu fl-istess kuntratt li jħallas il-preċitata somma lill-attur permezz ta' pagamenti ta' kull sitt (6) xhur ta' erba' mija, tlieta u tletin lira Maltija, tlieta u tletin ċenteżmu u tliet milleżmi (Lm433.33,3) mingħajr imgħax;

Illi l-ewwel pagament ta' erba' mija, tlieta u tletin lira Maltija, tlieta u tletin ċenteżmu u tliet milleżmi (Lm433.33,3) dovut fis-7 ta' Mejju 1991 ġie mħallas;

Illi t-tieni pagament ta' erba' mija, tlieta u tletin lira Maltija, tlieta u tletin ċenteżmu u tliet milleżmi (Lm433.33,3) dovut fis-7 ta' Novembru 1991 u l-pagament tas-7 ta' Mejju, 1992 u tas-7 ta' Novembru, 1992 ta' l-istess ammont ma tħallsux u nonostante diversi interpellanzi ta' l-attur il-konvenut baqa' inadempjenti;

Talab li din il-Qorti:

1. tiddikjara li l-konvenut iddekada mit-terminu lilu mogħti fil-kuntratt preċitat;

2. konsegwentement tordna lill-konvenut iħallas is-somma ta' elfejn mija sitta u sittin lira Maltija sitta u sittin ċenteżmu u seba' millemi (Lm2166.66,7) bilanċ tas-somma dovuta skond il-kuntratt preċitat;

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali ta' l-14 ta' Ottubru, 1992 u bl-imgħax legali mis-7 ta' Novembru, 1991 sal-pagament effettiv kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata u l-lista tax-xhieda ta' l-attur.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa:

"1. Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt billi d-dekadenza mitluba mhix ikkontemplata fil-kuntratt u għalhekk ma tistax tiġi milqugħa;

2. mingħajr preġudizju għall-premess, it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt billi l-ammont irreklamat mhux dovut billi ma għaddew ebda flus mill-attur lill-konvenut u kull ammont li kien dovut lill-attur ġie fil-fatt imħallas mill-konvenut;

3. mingħajr preġudizzju, l-esponenti ma għandu jbati ebda spejjes billi l-kuntratt minnu nnifsu huwa titolu esekuttiv u ma kienx hemm ħtieġa tal-kawża odjerna;

Salv eċċezzjonijiet oħra."

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata u l-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża;

Ittrattat;

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut hija legalment fondata bille d-dekadenza mill-benefiċċju tat-terminu ma hiex ikkontemplata bil-kuntratt "*de quo*" tas-7 ta' Novembru, 1990 u lanqas ma huwa qed jiġi premess mill-attur li huwa intitolat jitlob id-dekadenza għal xi waħda mir-raġunijiet ikkontemplati mill-artikolu 1079 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16), u għalhekk, l-ewwel talba attriċi ma tistax tiġi milqugħa. Konsegwentement, it-tieni talba lanqas ma setgħet tiġi milqugħa kieku mhux bis-saħħa tal-"*jus superveniens*" billi fil-mori tal-kawża l-pagamenti kollha pattwiti bil-kuntratt li bih ġie kkostitwit id-debitu skadew, jiġifieri, l-aħħar pagament kien dovut skond it-termini tal-kuntratt fis-7 ta' Novembru, 1993. Minn dan isegwi li l-bilanċ mitlub

huwa issa dovut, mentri fid-data tal-preżentata taċ-ċitazzjoni, i.e. fit-13 ta' Jannar, 1993, kienu għadhom ma skadewx il-pagamenti dovuti rispettivament fis-7 ta' Mejju, 1993 u fis-7 ta' Novembru, 1993. Fil-meritu, għandu jingħad ukoll li l-konvenut ma ġieb ebda prova in sostenn tat-tieni eċċezzjoni tiegħu u mill-provi prodotti mill-attur, li ma ġewx kontradetti, il-kreditu pretiż mill-attur jirriżulta ppruvat;

It-tielet eċċezzjoni tal-konvenut hija fil-fehma tagħha fondata legalment billi l-attur istitwixxa l-azzjoni odjerna biex jitlob dekadenza tal-konvenut mill-benefiċċju tat-terminu, liema talba qiegħda tiġi miċħuda, u l-kundanna għall-ħlas tas-somma mitluba qiegħda tiġi milqugħa bis-saħħa tal- "*jus superveniens*" u ċjoè in forza ta' dak li ġie pattwit bejn il-partijiet bl-att pubbliku tas-7 ta' Novembru, 1990 li huwa (a tenur ta' l-artikolu 253 (a) tal-Kap. 12) minnu nnifsu titolu eżekuttiv, u għalhekk, l-ispejjeż ta' l-azzjoni odjerna saru inutilment u għandhom jiġu sopportati mill-attur;

Għar-rigward ta' l-interessi mitluba, dawn għandhom jiddekorru fuq kull rata dovuta mid-data ta' l-iskadenza rispettiva tagħha, jiġifieri fis-7 ta' Novembru, 1992, fis-7 ta' Mejju, 1993, u fis-7 ta' Novembru, 1993;

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi billi tiċħad l-ewwel talba, tilqa' it-tieni talba, bl-interessi kkalkolati fuq ir-rati pattwiti mid-data rispettiva ta' kull skadenza hawn fuq imsemmija. L-ispejjeż għandhom jitħallsu mill-attur.